MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1226/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**James Sims**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Gunju, 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija hamsa u sittin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm165.55) liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21330126 (CN319372 a/c 10003550) liema servizz gie installat fil-fond 19, Triq Santa Katerina, Senglea skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness ma' l-Avviz markat Dok. A u kuntratt relattiv markat Dok. B.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew pprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsa u sittin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm165.55), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------